**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 99 – IT-TNEJN, 5 TA' MARZU 2018 FIL-5.35PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| Assenti | Malcolm Abdilla | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 98**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 98**

2.1 Dwar paragrafu 6.4, ġie innutat li hemm bżonn jitqabbad kuntrattur biex jiġi mħaffer il-kanal fejn ser jiġi mħawwel il-hedge fi Vjal ir-Riħan.

**3 Pagamenti Numru 86**

3.1 Rigward pagament numru 21, is-Sinjura Marica Bayliss, għal darb'oħra lmentat li ma taqbilx li jsir dan il-pagament.

3.2 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Trevor Spiteri ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Ġew ippreżentati l-Unaudited Financial Statements. Wara diskussjoni fejn ġew meqjusa dawn id-dokumenti, ġie innutat li l-Kunsill qiegħed f'pożizzjoni

finanzjarja tajba. Is-Sur Etienne Bonello du Puis ippropona li jiġu approvati dawn il-financial statements. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar l-għażla għal post ta' EO mal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Bord tal-interviews jikkonsisti mis-Sinjura Marica Bayliss, is-Sur Trevor Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv.

4.3 Ġiet innutata l-Press Conference li saret fi Triq il-Bies kontra l-iżvilupp ġewwa Wied Għomor fejn attendiet il-Viċi Sindku. Ġie innutat ukoll li l-PA ma laqgħetx l-appell għal dar tal-anzjani f'dan il-Wied.

4.4 Ġie innutat l-ħruġ tal-permess tal-Community Centre mill-PA. Għandna nibdew biex insibu post alternattiv kif ukoll jibdew il-preparamenti biex tinħareġ sejħa pubblika għal dawn ix-xogħlijiet.

4.5 Kien hemm diskussjoni dwar l-attività għall-1 ta' Mejju 2018 biex tiġi ċċelebrata l-15-il sena mit-twaqqif taċ-Ċentru tal-Anzjani mill-Kunsill. Aktar dettalji jingħataw 'l quddiem.

4.6 Kien hemm diskussjoni dwar l-attivitajiet ta' Jum San Ġwann. Il-programm għandu jiġi ppreżentat aktar 'il quddiem.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet innutata talba għal boarding / alighting bay fi Triq tas-Sliema quddiem l-Iskola Flurette. Ġie innutat li l-Kumitat tal-Kappara jaqbel ma' din il-proposta wkoll. Kien hemm qbil unanimu li ssir applikazzjoni lil TM għal din.

5.2 Ġie innutat l-ismiegħ tal-appell tat-Tender SGNLC/T/3/18 ser jinstema nhar il-Ħamis, 8 ta' Marzu 2018. Għandu jattendi għal dan l-ismiegħ is-Segretarju Eżekuttiv.

5.3 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-quotation għal ċint żewġ filati fi Triq Wied Għollieqa. Din l-ispiża tammonta għal €1100 + VAT għax-xogħol u €400 + VAT għal ġebel.

5.4 Kien hemm diskussjoni dwar ittra li rċevejna mil-Life Science Park. Saret laqgħa mad-Direttur tal-WD fejn ġiet iċċarata li din iż-żona taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali. Għandha ssir laqgħa bejn il-WD u l-Cleansing Department biex tiġi deċiża min hu responsabbli għat-tindif tal-culvert li hemm fiż-żona industrijali.

## 6 Affarjiet ohra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar talab li jitħaffru t-tree pits li hemm fi Vjal ir-Riħan biex ikun hemm aktar ħamrija. Kien hemm qbil dwar dan. Hu ppropona u kien hemm qbil ukoll biex isiru żewġ bozoz oħra fit-triq li hemm f'Wied Għomor l-isfel mid-Dog Park.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li nikkonsultaw mar-residenti dwar jekk jaqblux li terġa' tinfetaħ it-triq quddiem il-ħanut Ultimate.

6.3 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis informa lill-Kunsill li hemm proposta biex isir qari lit-tfal fil-librerija tal-Kunsill.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.35pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 19 ta' Marzu 2018 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**